



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.2.2019
COM(2019) 54 final

2019/0026 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konferenza tal-Partijiet rigward l-emendi tal-Anness III għall-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura għall-Kunsens Infurmat bil-Quddiem għal ċerti kimiċi u pestiċidi perikolużi fil-kummerċ internazzjonali

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Rotterdam b'konnessjoni mal-adozzjoni prevista tad-deċiżjonijiet biex jiġu elenkati aktar sustanzi kimiċi fl-Anness III għall-Konvenzjoni ta' Rotterdam.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Konvenzjoni ta' Rotterdam

Il-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura ta' Kunsens Infurmat minn Qabel għal Ċerti Kimiċi u Pestiċidi Perikolużi fil-Kummerċ Internazzjonali ("il-Konvenzjoni") għandha l-għan li tippromwovi responsabbiltà kondiviża u sforzi kooperattivi fost il-Partijiet fil-kummerċ internazzjonali ta' kimiċi perikolużi, sabiex jiġu protetti s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, u biex isir kontribut għall-użu tagħhom li jirrispetta l-ambjent. Il-Konvenzjoni toħloq obbligi vinkolanti għall-implimentazzjoni tal-proċedura għall-Kunsens Infurmat minn Qabel (PIC), u tipproteġi lill-pajjiżi, b'mod partikolari l-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp, minn importazzjonijiet mhux mixtieqa ta' sustanzi kimiċi billi timponi obbligi ta' esportazzjoni fuq il-Partijiet esportaturi.

Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-24 ta' Frar 2004.

L-Unjoni Ewropea u t-28 Stat Membru kollha huma parti għall-Konvenzjoni¹.

2.2. Il-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Rotterdam

Stabbilita skont l-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni, il-Konferenza tal-Partijiet hija l-korp ta' tmexxija tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam. Il-korp normalment jiltaqa' kull sentejn biex jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni. Huwa jirrieżamina wkoll il-kimiċi ppreżentati mill-Kumitat ta' Reviżjoni dwar Kimika għall-kunsiderazzjoni tiegħu.

B'konformità mal-Artikoli 44 u 45 tar-Regoli ta' Proċedura għall-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Rotterdam, kull parti għandha vot wieħed. Madankollu, l-organizzazzjonijiet reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika bħall-UE jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jivvutaw b'għadd ta' voti li jkun ugwali għall-għadd ta' Stati Membri tagħhom li huma partijiet għall-Konvenzjoni.

2.3. L-att previst tal-Konferenza tal-Partijiet

Fid-disa' laqgħa ordinarja, li sseħħ mid-29 ta' April sal-10 ta' Mejju 2019, il-Konferenza tal-Partijiet se tikkunsidra l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet biex jiġu elenkati aktar sustanzi kimiċi fl-Anness III għall-Konvenzjoni.

L-iskop tal-atti previsti hu li jelenkaw aktar sustanzi kimiċi fl-Anness III għall-Konvenzjoni. L-ejenkar fl-Anness III għandu l-effett li s-sustanzi kimiċi jsiru soġġetti għall-proċedura ta' kunsens infurmat minn qabel skont il-Konvenzjoni meta jiġu nnegozjati f'livell internazzjonali.

L-atti previsti ser ikunu vinkolanti għall-partijiet f'konformità mal-Artikolu 22(5)(c) tal-Konvenzjoni, li jipprevedi: "Deċiżjoni biex temenda l-Anness III għandha fil-pront tkun

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/730/KE tal-25 ta' Settembru 2006 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura għall-Kunsens Infurmat bil-Quddiem għal ċerti kimiċi u pestiċidi perikolużi fil-kummerċ internazzjonali (ĠU L 299, 28.10.2006, p. 23–25).

ikkomunikata lill-Partijiet mid-Depożitarju. L-emenda għandha tidħol fis-seħħ għall-Partijiet kollha f'data li għandha tkun speċifikata fid-deċiżjoni”.

3. IL-POŻIZZJONI LI TRID TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Il-Kummissjoni qed tipproponi lill-Kunsill deċiżjoni ta' sostenn, f'isem l-Unjoni, tad-deċiżjonijiet għall-emendar tal-Anness III għall-Konvenzjoni fid-disa' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet. Dawk id-deċiżjonijiet ser iżidu aktar sustanzi kimiċi fl-Anness III biex dawn isiru soġġetti għall-proċedura ta' kunsens infurmat minn qabel skont il-Konvenzjoni.

Id-deċiżjonijiet li huma ppreżentati fil-Konferenza tal-Partijiet għall-adozzjoni huma bbażati fuq ir-rakkomandazzjonijiet mill-Kumitat ta' Reviżjoni dwar Kimika, korp sussidjarju taħt l-awtorità tal-Konferenza tal-Partijiet. Is-sustanzi kimiċi rakkomandati mill-Kumitat ta' Reviżjoni dwar Kimika għall-elenkar fl-Anness III instabu li jissodisfaw il-kriterji tal-Anness II għall-Konvenzjoni.

Bħala mexxej fit-tfassil tal-politika ambjentali, hu kruċjali li l-Unjoni terġa' tafferma l-impenn globali tagħha għall-promozzjoni ta' implimentazzjoni aħjar tal-ftehimiet u tal-istandards ambjentali multilaterali. Dan jinkludi s-sostenn u l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet adottati mill-korpi sussidjarji xjentifiċi ta' dawk il-ftehimiet u l-aderenza mal-kriterji stabbiliti fil-ftehimiet li fuqhom huma bbażati t-tali rakkomandazzjonijiet.

Barra minn hekk, din l-inizjattiva hi konformi mal-prijorità ta' Juncker biex l-UE ssir attur globali aktar b'saħħtu b'għanijiet għall-iżvilupp sostenibbli, b'mod partikolari s-saħħa (3) u l-konsum u l-produzzjoni responsabbli (12), kif ukoll mas-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali.

Għaldaqstant, l-Unjoni għandha ssostni d-deċiżjonijiet proposti biex l-aċetoklor, il-karbosulfan, l-asbestos krisotilu, il-fentjon (formulazzjonijiet b'volum ultra baxx (ULV) fil-livell ta' 640 g jew aktar ta' ingredjent attiv/L), l-eżabromoċiklododekan, il-formulazzjonijiet likwidi (konċentrat emulsifikabbli u konċentrat solubbli) li jkun fihom id-diklorur tal-parakwat fil-livell ta' 276 g/L jew aktar, li jikkorrispondu għall-jon tal-parakwat fil-livell ta' 200 g/L jew aktar, u l-forat jiġu elenkati fl-Anness III. Dawn is-sustanzi kimiċi diġà huma soġġetti għal restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 li huma simili għal dawk skont il-Konvenzjoni.

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Konferenza tal-Partijiet trid tiġi stabbilita, peress li l-emendi tal-Anness III ser ikunu legalment vinkolanti fuq l-Unjoni u ser ikollhom jiġu riflessi fir-Regolament (UE) Nru 649/2012, li jimplementa l-Konvenzjoni ta' Rotterdam fl-Unjoni.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprovdi għal deċiżjonijiet li jistabbilixxu “*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita bi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.*”

Il-kunċett ta' “*atti li jkollhom effetti legali*” jinkludi atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp ikkonċernat. Dan jinkludi wkoll strumenti

li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “*jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-UE*”².

4.1.2. *Applikazzjoni għal dan il-każ*

Il-Konferenza tal-Partijiet hi korp stabbilit permezz ta’ ftehim, jiġifieri l-Konvenzjoni ta’ Rotterdam dwar il-Proċedura ta’ Kunsens Infurmat minn Qabel għal Ċerti Kimiċi u Pestiċidi Perikolużi fil-Kummerċ Internazzjonali.

L-att li l-Konferenza tal-Partijiet qiegħda tintalab tadotta jikkostitwixxi att li jkollu effetti legali. L-att previst ser ikun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f’konformità mal-Artikolu 22(5) tal-Konvenzjoni ta’ Rotterdam u ser ikollu jiġi rifless fir-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta’ Lulju 2012 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta’ sustanzi kimiċi perikolużi³. Dan għaliex l-Artikolu 23(1) ta’ dak ir-Regolament jeħtieġ ir-rieżami tal-lista ta’ sustanzi kimiċi fl-Anness I tiegħu fuq il-bażi tal-iżviluppi skont il-Konvenzjoni.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali tad-Deċiżjoni proposta hi l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. **Bażi ġuridika sostantiva**

4.2.1. *Prinċipji*

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-oġettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwarhom tittieħed pożizzjoni f’isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew komponenti jkun jista’ jiġi identifikat bħala dak prinċipali, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik li jeżiġi l-għan jew il-komponent prinċipali jew predominanti.

Fir-rigward ta’ att previst li jkollu għadd ta’ oġettivi f’daqqa, jew li jkollu diversi komponenti, li jkunu marbuta b’mod inseparabbli mingħajr ma wieħed ikun inċidentali għall-ieħor, il-bażi ġuridika sostantiva ta’ deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE jkollha tinkludi, b’mod eċċezzjonali, id-diversi bażijiet ġuridiċi korrispondenti.

4.2.2. *Applikazzjoni għal dan il-każ*

L-att previst għandu oġettivi u komponenti fil-qasam tal-“ambjent” u tal-“kummerċ”. Dawn l-elementi tal-att previst huma marbuta b’mod inseparabbli ma’ xulxin u l-ebda wieħed minnhom ma hu inċidentali għall-ieħor.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hi magħmula mid-dispożizzjonijiet li ġejjin: l-Artikoli 192(1) u 207(3) u (4), l-ewwel subparagrafu.

4.3. **Konklużjoni**

Il-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikoli 192(1) u 207(3) u (4) l-ewwel subparagrafu flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

² Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-punti 61 sa 64.

³ ĠU L 201, 27.7.2012, p. 60.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konferenza tal-Partijiet rigward l-emendi tal-Anness III għall-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura għall-Kunsens Infurmat bil-Quddiem għal ċerti kimiċi u pestiċidi perikolużi fil-kummerċ internazzjonali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 192(1) u 207(3) u (4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura ta' Kunsens Infurmat minn Qabel għal Ċerti Kimiċi u Pestiċidi Perikolużi fil-Kummerċ Internazzjonali ("il-Konvenzjoni") daħlet fis-seħħ fl-24 ta' Frar 2004 u ġiet konkluża f'isem l-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/730/KE⁴.
- (2) Ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 jimplimenta l-Konvenzjoni ta' Rotterdam fl-Unjoni⁵.
- (3) Skont l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni, il-Konferenza tal-Partijiet tista' tadotta emendi għall-Anness III.
- (4) Id-disa' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Rotterdam hi mistennija tadotta deċiżjonijiet biex telenka aktar sustanzi fl-Anness III.
- (5) Hu xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Konferenza tal-Partijiet, billi l-emendi tal-Anness III ser ikunu vinkolanti fuq l-Unjoni.
- (6) Sabiex ikun żgurat li l-pajjiżi ta' importazzjoni jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-protezzjoni offruta bil-Konvenzjoni ta' Rotterdam u peress li huma ssodisfati l-kriterji kollha skont il-Konvenzjoni ta' Rotterdam, hu meħtieġ u xieraq li tiġi appoġġata r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Reviżjoni dwar Kimika, korp sussidjarju tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam, rigward l-inklużjoni, fl-Anness III tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam, tal-aċetoklor, tal-karbosulfan, tal-asbestos krisotilu, tal-fentjon (il-formulazzjonijiet b'volum ultra baxx (ULV) ta' 640 g jew aktar ingredjent attiv/L) u tal-eżabromoċiklododekan, tal-forat u tal-formulazzjonijiet likwidi (konċentrat emulsifikabbli jew konċentrat solubbli) li fihom diklorur tal-parakwat fil-livell ta' 276 g/L jew aktar, li jikkorrispondu għall-jon tal-parakwat fil-livell ta' 200 g/L jew aktar. Dawn is-sustanzi diġà huma pprojbiti jew ristretti ħafna fl-Unjoni, u

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/730/KE tal-25 ta' Settembru 2006 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura għall-Kunsens Infurmat bil-Quddiem għal ċerti kimiċi u pestiċidi perikolużi fil-kummerċ internazzjonali (ĠU L 299, 28.10.2006, p. 23–25).

⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi, ĠU L 201, 27.7.2012, p. 60.

għaldaqstant huma suġġetti għal rekwiżiti tal-esportazzjoni li jmorru lil hinn minn dak li huwa meħtieġ skont il-Konvenzjoni ta' Rotterdam skont ir-Regolament (UE) Nru 649/2012,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fid-disa' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam hi li l-Unjoni tappoġġa l-adozzjoni tal-emendi fl-Anness III tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura għall-Kunsens Infurmat bil-Quddiem għal Ċerti Kimiċi u Pestiċidi Perikolużi fil-Kummerċ Internazzjonali fir-rigward tal-inklużjoni tal-aċetoklor, tal-karbosulfan, tal-asbestos krisotilu, tal-fentjon (il-formulazzjonijiet b'volum ultra baxx (ULV) ta' 640 g jew aktar ingredjent attiv/L) u tal-eżabromoċiklododekan, tal-forat u tal-formulazzjonijiet likwidi (konċentrat emulsifikabbli jew konċentrat solubbli) li fihom diklorur tal-parakwat fil-livell ta' 276 g/L jew aktar, li jikkorrispondu għall-jon tal-parakwat fil-livell ta' 200 g/L jew aktar.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President